



IL-KUMMISSJONI EWROPEA
ID-DIRETTORAT ĠENERALI GĦAS-SAĦĦA U L-KONSUMATURI

Id-Direttorat tas-Saħħa Pubblika
L-Unità dwar it-Theddid għas-Saħħa
Is-Segretarjat tal-Kumitat għas-Sigurtà tas-Saħħa

Il-marda tal-vajrus tal-Ebola - Informazzjoni għall- vjaġġaturi

Il-21 ta' Ottubru 2014

Il-verżjoni: 3

Dan id-dokument ġie approvat mill-Kumitat għas-
Sigurtà tas-Saħħa.

Il-marda tal-vajrus tal-Ebola - Informazzjoni għall-vjaġġaturi (Aġġornament tal-21 ta' Ottubru 2014)



X'inhi l-marda tal-vajrus tal-Ebola?

L-Ebola hija marda kiefra, ta' spiss fatali, ikkawżata mill-vajrus tal-Ebola.

Din tinxtered permezz ta' kuntatt dirett mad-demmi jew fluwidi oħra tal-ġisem (pereżempju, il-bżieq, l-urina, ir-remettar, is-semen) minn persuni infettati, mejtin jew ħajjin.

Normalment, ma jidher l-ebda sintomu bejn jumejn u 21 ijiem wara esponiment tal-vajrus. Il-marda tista' tibda f'daqqa waħda b'deni, b'għeja, b'nuqqas ta' aptit, b'remettar, b'dijarea, b'uġiegħ fiż-żaqq, b'uġiegħ ta' ras u uġiegħ muskolari, jew sintomi mhux speċifiċi. Aktar tard, xi pazjenti jkollhom ħruġ qawwi intern u estern ta' demm u ħafna organi jieqfu jaħdmu.

M'hemm l-ebda tilqima liċenzjata jew trattament validat għal din il-marda.

Ir-riskju ta' infezzjoni mill-vajrus tal-Ebola u kif tevitali

Anke jekk tkun qed tgħix f'żoni b'tixrid dirett jew ivvjaġġajt fihom, ir-riskju tal-infezzjoni tal-vajrus tal-Ebola hu żgħir ħafna, sakemm ma tkunx ġejt espost b'mod dirett għal fluwidi tal-ġisem ta' bniedem jew animal ħaj jew mejjet infettat. Il-kuntatt ma' fluwidi tal-ġisem jinkludi l-kuntatt sesswali bla protezzjoni ma' pazjenti sa tliet xhur wara li jkunu fiequ.

Kuntatt każwali f'postijiet pubbliċi ma' nies li ma jidhrux li huma morda ma jitrasmittix l-Ebola. Ma tistax taqbad il-vajrus tal-Ebola billi tmiss flus, prodotti tal-merċa jew tgħum f'pixxina. In-nemus ma jitrasmittix il-vajrus tal-Ebola. U l-vajrus tal-Ebola ma jiġix trasmess fl-arja kif jiġri fil-każ tal-influenza.

Il-vajrus tal-Ebola jista' jinqatel faċilment bis-sapun, il-bliċ, id-dawl tax-xemx, temperatura għolja jew bit-tnixxif. Il-ħasil fil-washing machine tal-ħwejjeġ li jkunu ġew ikkontaminati mill-fluwidi joqtol il-vajrus tal-Ebola. Fuq uċuħ li jkunu esposti għax-xemx jew li jkunu nixfu, il-vajrus tal-Ebola jgħix biss għal żmien qasir. Jista' jibqa' għal żmien itwal fuq il-ħwejjeġ jew materjali li jkunu ttebbgħu bid-demmi jew fluwidi tal-ġisem oħra.

Hemm riskju ta' tixrid tal-Ebola permezz ta' kuntatti mal-frieket u s-skieken jew materjal kontaminat fl-ambjenti tal-kura tas-saħħa jekk il-proċeduri korretti tal-kontroll tal-infezzjoni ma jiġux segwiti kif suppost.

Tifqigħa fl-2014

L-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa ddikjarat din it-tifqigħa tal-Ebola fil-Ginea, il-Liberja u s-Sjerra Leone bħala "Avveniment tas-Saħħa Pubblika ta' Interess Internazzjonali". L-informazzjoni li ġejja tagħti xi pariri lill-vjaġġaturi li se jaslu fiż-żoni b'tixrid dirett, jew se jtilqu minnhom.

Pariri lil persuni li jaslu fil-Ginea, il-Liberja, is-Sjerra Leone u żoni oħra b'tixrid dirett

Aqra l-pariri li l-awtoritajiet nazzjonali tiegħek jagħtu dwar l-ivvjaġġar lejn il-pajjiżi b'tixrid dirett. Jekk se tivvjaġġa lejn pajjiż b'tixrid dirett, il-miżuri preventivi li ġejjin għandhom inaqqsu r-riskju li tiġi infettat:

- Evita kull kuntatt dirett mad-demem jew il-fluwidi tal-ġisem ta' pazjent jew kadavru u ma' oġġetti possibbilment kontaminati.
- Aħsel idejk b'mod regolari filwaqt li tuża s-sapun jew l-antisettivi.
- Evita kuntatt ma' annimali selvaġġi, ħajjin jew mejtin, u tikolx "laħam tal-annimali selvaġġi".
- Evita ambjenti li jistgħu jkunu okkupati minn frieffett il-lejl bħalma huma għerien, xelters iżolati, jew siti tal-minjieri.
- Evita rapporti sesswali bla protezzjoni.



Għandek tkun konxju li hemm riskju ogħla ta' infezzjoni f'faċilitajiet tal-kura tas-saħħa. Għalhekk huwa prudenti li:

- tidentifika riżorsi xierqa tal-kura tas-saħħa fil-pajjiż, permezz tal-kuntatti tiegħek kummerċjali lokali, jew xi organizzazzjoni, ħbieb jew qraba;
- tiżgura li, fl-eventwalità ta' xi mard jew aċċident, l-evakwazzjoni medika tkun koperta minn assigurazzjoni tal-ivvjaġġar, biex tillimita l-esponiment għall-faċilitajiet tas-saħħa lokali.

Pariri lil persuni li jtilqu mill-Ginea, il-Liberja, is-Sjerra Leone u żoni oħra b'tixrid dirett

Ir-riskju li tkun ġejt espost għall-vajrus tal-Ebola hu baxx, sakemm ma kellekx kuntatt ma' pazjenti bl-Ebola, missejt kadavri infettati, jew żort il-faċilitajiet tal-kura tas-saħħa.

Madankollu, jekk jitlagħlek id-deni, taqdek għeja mhux spjegabbli, dijarea jew xi sintomi severi (pereżempju, remettar, emorraġija mhux spjegabbli, uġiġħ ta' ras qawwi) ftit ġimgħat wara li tkun tlaqt minn żona b'tixrid dirett, għandek:

- tmur issib attenzjoni medika malajr filwaqt li ssemmi fejn ivvjaġġajt, u
- tikkuntattja l-faċilità tal-kura medika bit-telefon qabel il-viżta tiegħek, sabiex tagħti ċans lill-istaff mediku jieħu l-protezzjoni medika xierqa fil-ħin tad-dħul tiegħek fil-faċilità.

Kun af li l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa rakkomandat li l-pajjiżi bit-tixrid tal-Ebola għandhom iwettqu skrining fil-punt tal-ħruġ għal mard mhux spjegat u li jkun konsistenti ma' infezzjoni tal-vajrus potenzjali tal-Ebola, u li l-każijiet jew il-kuntatti tal-Ebola ma għandhomx jivvjaġġaw sakemm tali vjaġġar ma jkunx parti minn evakwazzjoni medika xierqa.